**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**1 ta’ April 2019**

**Rikors Numru 94/2018**

**Tarcisio Agius**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta’ **Tarcisio Agius** ipprezentat fis-17 ta’ Settembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*“Illi r-rikorrenti applika ghal-licenzja ta’ Gwardjan Privat.*

*Illi l-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tas-sur Agius a bazi tal-Artikolu 10(a)(i) (delitt gravi iehor) u l-Artikolu 10(b) (fl-interess pubbliku).*

*Illi, bhala raguni ghal dan ir-rifjut, il-Kummissarju tal-Pulizija semma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra s-sur Agius datat 11 ta’ Gunju 2010 mill-Onor. Imhallef Dr M Mallia (Appell Kriminali Numru 300/2009).*

*Illi permezz ta’ din is-sentenza, is-sur Agius kien wehel sena prigunerija u multa ta’ €450.*

*Illi s-sur Agius kien skonta din il-piena u ghalhekk hu patta bizzejjed ghall-izball li ghamel.*

*Illi s-sur Agius ghandu bzonn isib impjieg sabiex ikun jista’ jlahhaq mal-ispejjez tal-hajja.*

*Ghaldaqstant is-sur Agius jidhirlu li mhemmx lok ghar-rifjut tal-licenzja tieghu u ghalhekk skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghed jitlob li tinhareg il-licenzja ta' Gwardjan Privat."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 11 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (a) (i) u Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors.*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati talli żamm jew eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' lokal li huwa ffrekwentat għal skop ta' prostituzzjoni u li għaliha ġie kkundanat għal sena priġunerija u multa ta' €450. Il-Kummissarju esponent ikkunsidra dan ir-reati bħala gravi taħt l-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors.*

3. *Illi l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba n-natura tar-reat, l-esponent ħass illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ lir-rikorrent il-liċenzja ta' gwardjan privat. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-Artiklu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk iħoss illi persuna li kellha dawk it-tipi ta` reati fil-fedina penali tagħha ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat jista' jirrifjuta li jagħti l-liċenzja u dan jagħmlu fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu.*

5. *Illi finalment b'referenza għall-aħħar talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' lir-rikorrent u lix-xhieda mressqa minnu;

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat li rrifjuta li johrog licenzja ta' gwardjan privat abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) u artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali).

**Ir-rikorrent** xehed illi kien serva sena prigunerija wara li kien instab hati abbazi ta' decizjoni li nghatat fl-2010. Jispjega illi huwa rriabilita ruhu u jaghmel anke xoghol komunitarju fil-lokalita` fejn joqghod u anke ghamel diskussjonijiet dwar l-integrazzjoni ta' eks prigunieri fis-socjeta`.

**Conrad Manche,** Sindku tal-lokalita` tal-Gzira, xehed illi r-rikorrent jaghti daqqa t'id fl-attivitajiet tal-Kunsill kull meta jkun hemm bzonn. Jispjega li skond hu r-rikorrent ghamel l-almu tieghu biex jirriforma ruhu fis-socjeta`.

**Charles Mifsud** stqarr illi huwa Direttur tal-Fondazzjoni RISE li hija organizzazzjoni non-governattiva u li lir-rikorrent kien ilu jafu xi ghaxar snin meta wara li l-istess rikorrent hareg mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin mar ghamel xi zmien jghix fix-xelter immexxi mill-Fondazzjoni. Jispjega li r-rikorrent ghamel hafna progress minn meta kien fil-Facilita` tant li huwa stess hadu jaghmel tahditiet lil zghazagh fuq is-suggett tal-prevenzjoni.

**L-Ispettur Sarah Magri**, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, xehdet illi l-uniku kundanna fil-konfront tar-rikorrent kienet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 11 ta' Gunju 2010 (esebita bhala Dokument SM1 a fol. 32). Xehdet illi r-rikorrenti kien instab hati fuq l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu. Mistoqsija jekk qabel tinhareg jew tigi rifjutata licenzja il-Kummissarju intmat jitkellimx mal-applikant, ix-xhud wiegbet li kien hemm kazijiet fejn dan sar pero f'dan il-kaz partikolari ma nhassx il-bzonn li dan isir meta raw it-tip ta' reat li tieghu instab hati l-applikant.

**Ikkunsidra:**

Illi artikolu 10 (a) u (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita`) jghid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

(i) *tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi* ***delitt gravi ieħor;***

(ii) *tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux addattat; jew*

(iii) *tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba; jew*

(iv) *tkun uffiċjal pubbliku ħlief uffiċjal li jkun jappartjeni għal grad jew kategorija kif jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizzi tal-ħabs; jew*

(v) *tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-*
*roprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt; jew*

(vi) *tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji;*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-****interess pubbliku*** *li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi l-Kummissarju intimat ibbaza r-rifjut tieghu abbazi ta' sentenza wahda li giet ppronunzjata fil-konfront tar-rikorrent fil-11 ta' Gunju 2010 fejn kien instab hati tar-reat li kellu sehem flimkien ma' ohrajn f'lokal li kien

iffrekwentat jew maghdud bhala illi kien frekwentat ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali ohra. Ghal dan ir-reat ir-rikorrent serva sena prigunerija u kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' erba' mija u hamsin ewro (€450).

Illi r-rikorrent u x-xhieda mressqa minnu taw stampa pozittiva tar-rikorrent u li wara li hareg mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin huwa ghamel hafna xoghol volontarju, inkluz dwar il-prevenzjoni biex wiehed ma jispiccax fis-sitwazzjoni li spicca hu.

Illi jirrizulta illi fil-kaz odjern il-Kummissarju intimat ikkunsidra r-reat li tieghu instab hati r-rikorrent bhala delitt gravi ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk ma setghax johrog il-licenzja ta' gwardjan privat fil-konfront tar-rikorrent. Illi ghalhekk it-Tribunal irid jezamina jekk il-Kummissarju kienx ragjonevoli meta kklassifika r-reat li nstab hati tieghu ir-rikorrent bhala "delitt gravi". Illi fl-opinjoni tat-Tribunal il-gravita` ta' reat tista' tkun kemm soggettiva u kif ukoll oggettiva. Naturalment hawnhekk wiehed irid jevalwa l-gravita` b'mod oggettiv ghaliex kull reat, ikun zghir kemm ikun zghir, huwa soggettivament gravi ghal min jissubbih. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-ligi kriminali nnifisha taghti skala tal-gravita` ta' reat bil-pieni rispettivi ghal kull reat.

Illi jekk wiehed jara l-artikolu 10 (a) (i) isib li fih hemm imsemmija reati bhal **omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna jew xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont jew bil-vjolenza**. Illi l-omicidju volontarju huwa punit b'piena massima ta' prigunerija ghal ghomor. Id-delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna huwa punti b'massimu ta' ghaxar snin, filwaqt li delitt kontra l-proprjeta` aggravat bl-ammont u bil-vjolenza huwa punit b'massimu ta' Dawn it-tip ta' delitti jgorru maghhom piena li tmur oltre l-massimu ta' sentejn (2) prigunerija li biha huwa punit ir-reat in dizamina. Illum il-gurnata dan ir-reat huwa ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati u l-piena massima karcerarja tieghu hija identika ghar-reat ta' ferita hafifa. Dan ma jnehhi xejn mis-serjeta` la tar-reat in dizamina u lanqas tar-reat ta' ferita hafifa. Pero` dan it-Tribunal ma jhossx illi dan ir-reat jista' jigi ekwiparat ma' omicidju volontarja, offiza ta' natura gravi jew mad-delitt ta' serq aggravat bl-ammont jew bil-vjolenza. Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss illi meta l-Kummissarju jkun qieghed jirrifjuta applikazzjoni bhal dik odjerna irid jekwiparaha mad-delitti msemmija fl-istess sub-inciz. Il-gravita` ta' reat titkejjel ukoll mill-piena marbuta mal-istess reat. Kif diga intqal iktar 'il fuq il-piena ghar-reat in dizamina hija ferm inqas mill-piena marbuta mar-reati msemmija fl-istess

subiniciz u allura l-gravita` ta' l-istess reat ma tistghax tigi ekwiparata mal-istess reati.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Kummissarju intimat ma kienx ragjonevoli meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Kummissarju intimat irrifjuta l-applikazzjoni *de quo* wkoll abbazi tal-artikolu 10 (b), u cioe` fl-opinjoni tieghu ma kienx fl-interess pubbliku li r-rikorrent jinghata licenzja ghal gwardjan privat.

Illi t-Tribunal jirrileva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*[1] Fis-sentenza ***Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation*** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li*: it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[2]

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[3] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux

---

[1] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
[3] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi mix-xhieda mressqa mir-rikorrent ma jirrizultax illi r-rikorrent ghandu xi kwalitajiet li huma ta' detriment ghas-socjeta` in generali. Anzi pjuttost bil-kontra in vista li wara li hareg mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ipprova kemm jista' jkun jipperswadi nies u zghazagh izommu 'l boghod mill-kriminalita`. Illi l-Kummissarju intimat strah biss fuq is-sentenza citata iktar 'il fuq, liema reat ir-rikorrent jirrizuta li wettaq fis-sena 2003 u fix-xhur precedenti. Illum ninsabu fis-sena 2019 u cioe` oltre sittax-il sena minn meta gie mwettaq ir-reat. F'dawn is-snin kollha ma jirrizultax illi r-rikorrent qatt rega' xellef difrejh mal-gustizzja jew inkella kellu xi agir abnormali li jirrendih xi theddida ghas-socjeta`. Kif diga` inghad, pjuttost il-kontra. Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss illi anke minn dan il-lat id-decizjoni appellata ma hix wahda ragjonevoli.

Madankollu it-Tribunal jirrimarka illi huwa jista' biss jannulla d-decizjoni appellata u mhux johrog il-licenzja ta' gwardjan privat jew jordna lill-Kummissarju intimat johrog l-istess licenzja. Ghaldaqstant, filwaqt li qieghed jirrevoka l-istess decizjoni, jistieden lill-Kummissarju intimat jirrevedi d-decizjoni tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jannulla u jirrevoka d-decizjoni appellata datata 22 ta' Gunju 2018.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**